KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 34a (*ad hoc*)** **IS-SITT KUNSILL**

L-erbgħa u tletin seduta 'a' (ad hoc) tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet il-**Ġimgħa 29 ta' April, 2011** fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Johanna Gonzi u l-Kunsilliera Marianne Aquilina, Sandra Camilleri, Edward Cuschieri, Nicolai Gauci u Patrick Pace.

**APOLOĠIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))**

Il-Viċi Sindku Cyrus Engerer, il-Kunsilliera Yves Cali, Martin Debono, Nikki Dimech u Julian Galea avżaw li ma setgħux jattendu minħabba raġunijiet personali.

Il-Kunsill ikkunsidra l-apoloġija tal-Viċi Sindku u l-Kunsilliera msemmija bħala raġonevoli.

**UFFIĊĊJALI PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi u l-*Assistant Principal* Stefania Friggieri.

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku.

**1. Kunsiderazzjoni/Aġġudikazzjoni: Kwotazzjonijiet**

1.1 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill tlett kwotazzjonijiet kif mitfugħa skont is-sejħa għall-kwotazzjoni SLC/Q/592 għas-servizz ta' perit għall-proġett tax-xelter ta' Dingli Circus, (Dok 'A', 'B' u 'C' mehmużin).

1.1.1 Kien innutat li l-prezz għas-servizz tal-Perit Edward Said kien ta' EUR3750 u li dan il-prezz kien *VAT exempt.*

1.1.2 Kien innutat ukoll li l-prezz għas-servizz ta' Arc Studio kien ta' EUR3600 u li dan il-prezz kien jeskludi l-VAT, waqt li l-prezz għas-servizz ta' CA Studio kien ta' EUR4500. Kien innutat li CA Studio ma tawx informazzjoni dwar jekk il-prezz ikkwotat kienx jinkludi l-VAT.

1.2 Is-Sindku qalet li s-servizz ta' perit huwa meħtieġ biex tkun tista' ssir l-applikazzjoni għal fondi tal-Unjoni Ewoprea taħt il-programm 'European Regional Development Fund' (ERDF) għal proġett tax-xelter li jinsab f'Dingli Circus. Qalet li dan il-proġett kien qed isir ma' tlett Kunsilli oħra u li l-parteċipazzjoni tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema kienet importanti.

1.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għal attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza mill-MEUSAC fejn il-Kunsill kien infurmat li minħabba li ma kienx hemm kworum għal laqgħa msejħa nhar is-26 ta' April biex jintgħażel il-perit u minħabba li l-perjodu għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni kien jagħlaq fis-6 ta' Mejju, ma kienx vijabbli għal MEUSAC li l-Kunsill Tas-Sliema jitħalla jmexxi dan il-proġett u li għalhekk ma kienx se jitħalla jkun *Lead Partner* fuq dan il-proġett.

1.4. Tressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-proċedura addottata għal dawn it-tip ta' proġetti, cioe li jekk il-proġett tax-xelter jintgħażel, l-ispejjeż marbuta mas-servizz tal-perit ikunu jistgħu jkunu rifonduti mill-ERDF, iżda li f'każ li l-proġett ma' jkunx aċċettat, il-perit li se jintgħażel xorta jrid jitħallas mill-Kunsill.

1.4.1 Is-Sindku spjegat li jekk l-applikazzjoni tal-Kunsill Tas-Sliema tintgħażel il-Kunsill kien se jibbenefika minn madwar EUR200,000.

1.4.2 Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill għandu jagħżel il-perit biex il-Kunsill ikun jista' japplika għal dan il-proġett u li l-Kunsill għandu jħallas lill-perit mill-allokazzjoni finanzjarja tiegħu f'każ li l-proġett ma jintgħażilx. Il-Kunsillier M. Aquilina ssekondat.

1.4.3 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

1.5. Saret diskussjoni fit-tul dwar it-tlitt kwotazzjonijiet.

1.5.1 Kien innutat li l-irħas offerta kienet dik tal-Perit Said.

1.5.2 Il-Kunsillier N. Gauci qal li CA Studio kien ta' proposta ddetaljata ħafna.

1.5.3 Il-Kunsillier S. Camilleri ġibdet għall-attenzjoni tal-Kunsill li l-Perit Edward Said kiteb artiklu f'isem is-Sliema Historical Society fil-magazine tal-Kunsill Tas-Sliema dwar proġetti li din is-Soċjeta' qegħda twettaq flimkien mal-Kunsill. Fost dawn, il-Kunsilliera S. Camilleri qalet li jissemma' l-proġett tax-xelters.

1.5.4 Is-Sindku innotat li ma kienx minnu li l-Perit Said kien diġa' ġie kkommissjonat jaħdem fuq dan il-proġett u li fil-fatt il-Kunsill ħareġ sejħa għal kwotazzjonijiet għas-servizz ta' Perit biex ikun jista' jwettaq dan il-proġett.

1.5.5 Il-Kunsillieri S. Camilleri u P. Pace qalu li minħabba li d-data għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għal dan il-proġett kienet is-6 ta' Mejju u li minħabba li l-Kunsill diġa' kellu diffikulta' meta ma assenjax proġetti lil persuna jew entita' li jkollha r-riżorsi meħtieġa kien iktar għaqli jekk il-kwotazzjoni tingħata lil Arc Studio jew lil CA Studio.

1.5.6 Kien innutat li prezz ta' Arc Studio kien ta' EUR4248 (VAT inkluz) waqt li dak ta' CA Studio kien ogħla. Is-Sindku qalet li għalkemm CA Studio ma tawx informazzjoni dwar jekk il-prezz tagħhom kien jinkludix il-VAT dan xorta kien se jkun ogħla minn ta' ARC Studio.

1.5.7 Il-Kunsill innota wkoll l-esperjenza tal-offerenti u l-proġetti li kienu ħadmu fuqhom.

1.6. Is-Sindku pproponiet li l-kwotazzjoni għas-servizz ta' perit għall-proġett tax-xelter ta' Dingli Circus tingħata lil Arc Studio bil-kundizzjoni li jimtela' kull dokument li għandu jkun ipprezentat flimkien mal-applikazjoni kif meħtieġ mill-awtorita' kompetenti għall-immaniġġjar ta' proġetti ERDF, *site plans* u dokumentazzjoni oħra għall-użu tal-proġett ERDF kif ġie mitlub mill-Kunsill skont il-kwotazzjoni SLC/Q/592. Qalet li għalkemm din ma kinitx l-irħas kwotazzjoni, il-Kunsill ikkunsidra l-esperjenza ta' Arc Studio, il-perjodu qasir li fih kellha tiġi sottomessa l-applikazzjoni u l-implikazzjonijiet tal-artiklu li deher fil-magzine tal-Kunsill. Il-Kunsillier S. Camilleri ssekondat.

1.6.1 Il-Kunsillieri M. Aquilina, N. Gauci u Patrick Pace ivvotaw favur. Il-Kunsillier E. Cuschieri vvota kontra.

1.6.2 Il-proposta għaddiet b'ħames (5) voti favur.

**Is-seduta ntemmet fis-7.03 ta' filgħaxija**

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**

Minuti approvati llum ..il-Tnejn.. .27. ta' ..Ġunju.. 2011.
(jum) (data) (xahar)